**<u>Minuti tal-Laqgħa nru 53 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Mejju 2011 fis-7.00 p.m.</u>**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.30 | 9.00 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.30 | 9.00 |
| Kunsillier Joseph DeMartino | 7.20 | 9.00 |
| Kunsillier Mario Sammut | skużat | - |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.20 | 9.00 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | skużata | - |
| Kunsillier Paul Agius | skużat | - |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.30 | 8.00 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.30 | 9.00 |
| Kunsillier David Meilak | 7.20 | 9.00 |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.10 | 9.00 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku ippropona li minħabba li l-accountant kien għadu ma wasalx, il-Kunsill kellu jibda billi jiddiskuti d-draft budget li kien imħejji minnu flimkien ma' l-aġent segretarju eżekuttiv. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsill irċieva żewġ noti mingħand il-kunsillieri Mifsud u Agius sabiex ikunu skużati milli jattendu l-laqgħa. Barra dan il-kunsillier Sammut kien ċempel u avża li minħabba x-xogħol ma setax jattendi għal-laqgħa u talab ukoll li jkun skużat. Dawn it-tlett talbiet kienu milqugħa.

## 1.00 Draft Budget 2011

1.01 L-Aġent Segretarju ta spjegazzjoni dwar il-flus li kienu ibbaġitjati għas-sena 2011, u ta rendikont tal-ammonti ta' dħul u ħruġ li attwalment kien għamel il-Kunsill matul is-sena 2010, kif ukoll dak li kien qed jipproponi għas-sena finanzjarja 2011. Hawn żvolġiet diskussjoni dwar il-budget għas-sena 2011, u wara sar qbil li item 2300 "repair and upkeep" ikun jammonta għal 35,000 ewro u li jinkludi fih, xogħol ta' patching, sinjali u tabelli tat-traffiku u affarijiet oħra relatati mat-toroq. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ammont muri taħt item 7500 "special programmes" jitneħħa, filwaqt li item 7100 "construction" juri ammont ta' 232,000 ewro, u jinkludi fih it-toroq li ser isiru taħt l-iskema tal-PPP, kif ukoll il-bdil ta' servizzi fl-istess toroq li kienu ser isiru taħt din l-iskema.

1.02 Il-Kunsill qabel li għandu jiċċara l-ammont li l-kunsill kien ser jingħata mid-Dipariment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema tal-PPP b' relazzjoni ma' l-ammont li kien jidher fl-ittra mibgħuta fit-22 ta' Diċembru 2010 dwar l-allokazzjoni finanzjarja, fejn l-ammont dwar manutenzjoni ta' toroq kien jammonta għal 319,913 ewro, u jekk dan l-ammont kienx ser jirdoppja skond memo 45/2010 mibgħut mill-istess Dipartiment li jġib id-data tat-22 ta' Marzu 2010. Is-Sur Cini iċċekkja mid-Dipartiment fejn ġie mgħarraf li l-ammont ta' 319,913 ewro ma kienx ser jirdoppja.

1.03 Hawn il-Kunsillier Fenech talbet li tiġi skużata mil-laqgħa.

**2.00 Financial Statement għas-sena 2010**

2.01 Għal din il-parti tal-laqgħa kien preżenti is-Sur Michael Debono mill-kumpanija tal-accountancy D-Consulta fejn ta spjegazzjoni dettaljata dwar is-sitwazzjoni finanzjarja għas-sena li ghaddiet kif ukoll wiegeb xi mistoqsijiet li sarulu mill-kunsillieri preżenti.

2.02 Wara dan saru xi emendi żgħar f' xi ammonti u l-financial statement ġew approvati minn dawk preżenti.

**3.00 Aġġornament**

3.01 Waqt l-aġġornament is-Sindku qal li x-xogħol ta' patching li qed isir fil-preżent qed isir bil-hot asphalt u dan minħabba li dan iservi aktar.

3.02 Il-Kunsillier Grech qal li kienu ser isiru xi ċelebrazzjonijiet nhar il-Gimgħa, 13 ta' Mejju f' parti minn Triq il-Kungress Ewkaristiku b' konnessjoni mal-promozzjoni tal-Mosta FC, u talab lill-Kunsill sabex possibilment jippreżenta xi trophy lill-club tal-football. Il-Kunsill qabel ma' dan jekk ikun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

3.03 Il-laqgħa spiċċat fid-9.00pm

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv